MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' April, 2010

Numru. 1047/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**VALERIE FENECH ta’ 26 sena, bint David u Elizabeth nee’ Zammit, imwieled Hat-Attard nhar l-20.11.1983, residenti fil-fond 173, Rustica, Triq Dun Mikiel Scerri, Attard, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 586 283M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘l hawn fuq imsemmija VALERIE FENECH li giet akkuzata talli:

1. Matul il-gurnata tal-25 ta’ Mejju, 2009 gewwa l-ufficini ta’ Go Complex, sitwat fi Triq San Frangisk,

Floriana, bhala persuna li dahlet f'dan l-ufficju minhabba s-sengha, professjoni, jew impjieg taghha, ikkommettiet serq ta' top-up vouchers tal-Go Mobile ta' valur li jeccedi l-ammont ta' €232.93 liema reat huwa aggravat bil-valur u bil-persuna ghad-detriment ta' Go plc u diversi persuni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputata iddikkjarat li ma kellha ebda oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputata fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li giet mistoqsija mill-Qorti tikkonferma l-istess;

Semghet il-partijiet jitrattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija VALERIE FENECH hatja ta' l-akkuzi hekk kif dedotta fil-konfront taghha, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 279, 280, u 20 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------